MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 712/2002/1

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra**

**vs**

**Joe Farrugia u Vincent Gauci, fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' Zurrieq Football Club**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16) kwantu ghal Lm14.92c Royalty, in konnessjoni mal-licenzja Nru 8572 (Dok A) rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment « Zurrieq Football Club »,**

**Zurrieq u Lm2.24c Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, ghall-perjodu 6 ta' Novembru, 2001 sal-5 ta' Novembru, 2002.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-verbal tal-21 ta' Gunju, 2002 li biha l-konvenuti ddikjaraw li qeghdin jikkontestaw it-talba attrici.**

**Ra l-verbal tad-9 ta' Lulju, 2002 li fiha l-konvenuti eccepew li huma ma jirrapprezentawx lis-socjeta' konvenuta wahedhom u esebew kopja ta' l-istatut tas-socjeta' konvenuta.**

**Semgha x-xhieda ta' John Dingli Joe Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-konvenuti b'dan il-kaz qed jeccepixxu l-illeggittimita' tal-persuna peress li gew imharrka biss il-President u s-Segretarju taz-Zurrieq Football Club. Mill-istatut ma jirrizultax illi dawn it-tnejn fil-fatt ma setghux jigu mharrka kif sar u f'dan is-sens it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni sollevata.**
**2. Dwar l-ammont mitlub John Dingli rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma l-kuntratt document A esebit ma' l-avviz liema kuntratt sar fuq is-segretarju taz-Zurrieq Football Club u gie ffirmat mill-i*stess segretarju sabiex ikun hemm television sett fil-*club u jkunu jistghu jdoqqu l-muzika. Mill-1991 sa meta gie pprezentat l-avviz l-istess *football club* dejjem hallset id-drittijiet ta' l-awtur. Gie kunsidrat li**

**kieku l-konvenuti riedu jitterminaw dan il-kuntratt kellhom kull dritt li jaghmlu hekk, imma ma jidhirx li dan sar.**

**3. It-Tribunal jirrileva li l-informazzjoni dwar min kienu l-President u s-Segretarju taz-Zurrieq Football Club giebet minghand il-Malta Football Association permezz ta' telefonata. It-Tribunal jinnota li John Dingli ma setghax lil liema persuna tal-MFA kien kellem fuq it-telephone. It-Tribunal ma jqisx illi ghandu jaccetta illi nformazzjoni moghtija fuq it-*telephone* minn persuna mhux identifikat ghandha tikkostitwixxi prova.**

**4. Joe Farrugia, l-konvenut xehed illi huma kienu kitbu lis-socjeta' attrici fl-24 ta' Ottubru, 2001 fejn gharfu lill-istess socjeta' li huma m'ghandhomx *juke box* u ghalhekk ma kienux ser ihallsu. Jirrizulta dejjem skond l-istess xhud u d-dokument esebit a fol 32 illi s-socjeta' attrici rrispondiethom b'ittra datata 29 ta' Novembru, 2001 fejn informathom li ma tistax tikkancella l-lincenzja peress illi l-licenzja kienet tirrigwarda *television* u mhux *juke box*.**

**5. Ghalhekk it-Tribunal hu sodisfatt li l-konvenuti wrew bic-car l-intenzjoni taghhom li ma riedux igeddu l-licenzja u ma jistax jaccetta dak li qed tissottometti s-socjeta' attrici illi minhabba li ntuzat il-kelma *juke box* ma giex accettat li jigi terminat il-kuntratt. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuti m'ghandhomx ihallsu l-ammont rikjest.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjoni ta' l-illeggittimita' tal-persuna sollevata mill-konvenuti, qed jichad it-talba attrici. L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------